**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**

**ONOR IMĦALLEF**
**DR FRANCESCO DEPASQUALE**
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn**
**Wieħed u għoxrin (21) ta' Marzu 2022**

**Rikors Numru 643/19 FDP**

Fl-ismijiet:

**Joseph Cassar u martu Mary Rose Cassar bil-karti tal-identita numri: 12955 (G) u 17453 (G);**
**Louise Bajada bil-karta tal-identita numru 39859 (G) f'isimha u bħala kuratriċi ta' binha interdett Christian Bajada bil-karta tal-identita numru 7286 (G);**
**Carmen Bajada bil-karta tal-identita numru 218479 (M);**
**Is-Soċjetà "Ta' Frenċ Real Estate Company Limited" numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija C34667;**
**Joseph Borg u Maria Concetta Borg, bil-karta tal-identità numri rispettivament 66160 (G) u 10661 (G);**

**Paul Cardona (K.I. 25659 G), John Cardona (K.I. 34748 G) u Emanuel Cardona (K.I. 67655 G) aħwa Cardona;**

**Flimkien mal-Avukati Carmelo Galea (K.I. 34356 G), Georgine Schembri (K.I. 28577 G) P.L. Davina Sullivan (K.I.176470 M) għal kull interess li jista' jkollhom**

**vs**

**Reġistratur tal-Qrati u Tribunali u għal kull interess li jista' jkollhom: Gregory Vella, u b'digriet tad-19 ta' Settembru 2019 Carmen Borg assumiet l-atti wara l-mewt tiegħu; Clementia mart Joseph Grech; Carmen mart Emanuel Borg; Salvina mart Thomas D'Anastasi;**

**Maria mart Anthony Vella, Suor Carmen, Suor Maryanne, Joseph, George aħwa Cardona**

**Reġistratur tal-Artijiet**

**Wara l-atti tal-kawża Avvż Nru. 26/1998**

Gregory Vella; Clementia mart Joseph Grech; Carmen mart Emanuel Borg; Salvina mart Thomas D'Anastasi

vs

Regina armla ta' Carlo Cardona u b'digriet tas-6 ta' April 2001, Dr Anton Refalo LLD ġie nominat bħala kuratur tal-wirt ġjaċenti tal-mejta Regina Cardona; u b'digriet tat-8 ta' Marzu 2011 il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria mart Anthony Vella, Suor Carmen, Suor Maryanne, John, Joseph, George, Emanuel u Paul aħwa Cardona minflok Regina Cardona li mietet fil-mori tal-kawża;

Joseph Borg u martu Maria Concetta Borg (Kl 66160 G u 10661 G);

Joseph Cassar u martu Mary Rose Cassar (Kl 12955 G u 17453 G);

Is-soċjeta' Ta' Frenċ Real Estate Company Limited C34667; u l-Avukat Dr. Victor Bajada u martu Louise Bajada u b'digriet tal-10 ta' April 2012 il-ġudizzju ġie trasfuż minn isem Dr. Victor Bajada għal fuq isem Louise Bajada f'isimha u bħala kuratriċi provviżorja ta' binha Christian Bajada u Carmen Bajada (K.l. 39859(G), 7286(G) u 218479 (M));

b'digriet tad-19 ta' Novembru 2003 ġie kjamat fil-kawża r-Reġistratur tal-Artijiet.

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 28 ta' Ġunju 2019, li permezz tiegħu r-rikorrenti talbu is-segwenti:

> *Illi wara s-sentenza tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, Superjuri, fil-31 ta' Mejju 2019 fil-kawża fl-ismijiet premessi, nħarġet taxxa uffiċjali fl-atti ta' din il-kawża li tillikwida d-drittijiet dovuti lill-avukati rispettivi fl-ammont ta' €345.33 u tal-Prokuraturi Legali rispettivi fl-ammont ta' €115.11 għal dak li jirrigwarda l-istadju tal-appell u fl-ammont ta' zero (xejn) għal dak li jirrigwarda l-prim' istanza.*
>
> *Illi l-esponenti jixtiequ jimpunjaw din it-taxxa fit-termini tal-artikolu 64 tal-Kap. 12, u dan għaliex din it-taxxa hija bbażata fuq kunsiderazzjonijiet żbaljati.*
>
> *Il-fatti li wasslu għal dan l-istat ta' fatt huma s-segwenti:*
>
> *Kemm wara li ġiet deċiża l-kawża fil-prim' istanza kif ukoll wara d-deċiżjoni mill-Qorti tal-Appell, ir-Reġistratur iċċirkola ittra lill-avukati rispettivi fejn talabhom jaqblu fuq valur li għandu jiġi attribwit lill-proprjetà mmobbiljari mertu ta' din il-kawża u infurmahom li:*
>
> > *Jekk ma tagħmlux dan fi żmien ħmistax-il jum minn notifika ta' din l-ittra, se jiġi ntaxxat id-dritt tar-reġistru biss - ad esklużjoni tad-dritt tal-avukati - skont kif jingħad fil-paragrafu 4(3) tat-tariffa "A" annessa mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u ċioe*

*l-mimimu ta' €700 miżjud b' €600, għal total ta' €1,300.*

*Immedjatament wara li rċevew dik l-ittra, l-avukati tar-rikorrenti f'dan ir-rikors ikkomunikaw mal-avukat tal-atturi appellant u talbuh iressaq dikjarazzjoni mill-atturi li jindikaw il-valur tal-proprjetà partijiet reklamata minnhom fil-kawża prinċipali, u ssuġġerewlu wkoll li fil-fehma tagħhom, dan il-valur kellu jkun ta' €260,000;*

*L-avukat tal-atturi naqas li jagħti tweġiba fiż-żmien utili konċess mir-reġistratur u allura r-reġistratur ipproċeda billi ħareġ it-taxxa kkontestata;*

*Kien biss wara li nħarġet it-taxxa li l-avukat tal-atturi nforma lill-avukati sottoskritti li l-klijenti tiegħu ma ridux jikkooperaw u ma kinux ser jirrilaxxjaw l-ebda dikjarazzjoni tal-valur.*

*Din it-taxxa hija żbaljata u skorretta u bbażata fuq qari u interpretazzjoni ħżiena tad-dispożizzjonijiet tai-Kap. 12 applikabbli għal dan il-każ.*

*Hekk, il-paragrafu 4(3) tat-Tariffa A imkien ma jagħti l-poter lir-Reġistratur li jintaxxa d-drittijiet tal-avukati ffigura ta' zero. Dan il-paragrafu jipprovdi testwalment dan li ġej:*

> *(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jigi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ.*

*Issa, fl-ewwel lok, it-Tariffa A fl-intier tagħha imkien u fl-ebda post ma tittratta d-drittijiet tal-avukati fil-kawża għaliex hija limitata espressament u strettament għad-drittijiet tar-Reġistru. Konsegwentement, id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tagħha ma jistgħux jiġu estrapolati u applikati għad-drittijiet tal-avukati.*

*Fit-tieni lok, jidher li r-Reġistratur injora u ttraskura għal kollox id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4(l)(e) tat-Tariffa A li jipprovdi li:*

> *F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt ta' proprjetà jew fuq il-proprjetà kontra persuna oħra, huwa <u>għandu jissottometti</u> dikjarazzjoni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jigi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat ' mill-attur.*

*Dan l-artikolu jawtorizza lir-Reġistratur li jitlob din id-dikjarazzjoni maħlufa mingħand l-attur f'kull żmien, inkluż wara li tkun ġiet deċiża l-*

*kawża; u ċertament il-fatt li l-leġiżlatur ipprovda li dik id-dikjarazzjoni għandha tkun waħda maħlufa ma kienx xi fattur inċidentali imma huwa maħsub sabiex l-attur ikun jista' jiffaċċja l-konsegwenzi, inklużi dawk ta' indoli penali u kriminali, jekk id-dikjarazzjoni tiegħu tkun waħda falza.*

*Fit-tielet lok, id-dritt tal-avukat wara kawża fuq proprjetà huwa rregolat bil-paragrafu 13 tat-Tariffa E, li minn naħa tiegħu jipprovdi kif ġej:*

*13. Għal kull sentenza definittiva:*

*(i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha €46.59 bħala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-ogħla*

*(ii)dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 għal kull €232.94 - €6.99*

*(iii) dwar kull valur 'l fuq minn €23,293.73 għal kull €232.94 - €2.33*

*Fit-Tariffa E ma tinsab l-ebda dispożizzjoni li tissubordina d-dritt tal-parti li tkun rebħet kawża għal xi forma ta' kooperazzjoni mingħand il-parti sokkombenti, kif qiegħed jippretendi li jsir ir-Reġistratur f'dan il-każ meta qiegħed jinsisti li d-dikjarazzjoni tal-valur tkun iffirmata mill-partijiet kollha:*

1. *qabel xejn, ikun irrealistiku għall-aħħar li wieħed jistenna li wara battalja daqstant ikkumbattuta, l-attur sejjer jikkoopera mal-parti rebbieħa sabiex din tkun tista' tirkupra mingħandu l-ispejjeż leġittimament inkorsi minnha sabiex tiddefendi ruħha mill-pretensjonijiet infondati tiegħu;*

2. *Fit-tieni lok, la darba l-leġiżlatur ma assuġġettax id-dritt tal-parti rebbieħa għal xi kooperazzjoni da parti tal-parti sokkombenti ma huwiex leċitu li r-Reġistratur jew xi awtorità oħra ċċaħħad dak id-dritt billi tippenalizza lill-parti rebbieħa għal nuqqas ta' kooperazzjoni da parti sokkombenti;*

3. *Finalment, huwa prinċipju fundamentali tal-proċeduri kontenzjużi li l-parti li tirbaħ għandha d-dritt li titlob ir-riżarċiment tal-ispejjeż ġudizzjarji mingħand il-parti sokkombenti. L-interpretazzjoni adottata mir-Reġistratur f'dan il-każ għandha bħala riżultat dirett il-kollużjoni tiegħu mat-tentattiv tal-parti sokkombenti li tevadi l-obbligu tagħha li tħallas mhux biss l-ispejjeż inkorsi mill-parti rebbieħa, imma saħansitra anki d-dritt tar-reġistru ta' din il-Qorti.*

4. *Fl-umili fehma tal-esponenti n-nuqqas ta' kooperazzjoni da parti tas-sokkombenti li tattribwixxi valur ġust għall-mertu tal-kawża ma jistax iservi bħala ġustifikazzjoni sabiex il-parti sokkombenti tevadi b'suċċess kemm id-dritt tal-kontro parti kif ukoll id-dritt tar-reġistratur li jiġbru mingħandha l-ispejjeż tal-kawża. Il-Qorti tista' tadotta u tiddetta hija l-proċedura sabiex tiżgura li dawn id-drittijiet*

*leġittimi jiġu salvagwardati inkluż billi taħtar perit sabiex iwettaq stima tal-proprjetà pretiża mill-attur. Lanqas ma jagħmel sens l-argument li donnu qiegħed jiġi avvanzat mill-atturi, ċioe li la darba l-Qorti ċaħdet it-talbiet tagħhom, allura l-valur tal-proprjetà huwa zero: skont id-dispożizzjonijiet hawn fuq iċċitati, id-dritt għandu jiġi intaxxat fuq il-pretensjonijiet tal-attur u mhux fuq dak li finalment il-Qorti takkordalu.*

*Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tordna lir-Reġistratur tagħha jintaxxa mill-ġdid l-ispejjeż ta' din il-kawża billi, meħuda in kunsiderazzjoni r-regoli ta' hawn fuq, jiġi stabbilit valur ġust u reali lill-proprjetà li kienet ġiet pretiża bħala tagħhom mill-atturi, u sussegwentement id-dritt tal-avukati u l-prokuraturi legali (u inċidentalment anki dawk tar-reġistru tal- Qorti) jiġu intaxxati abbażi ta' dak il-valur.*

*Bl-ispejjeż ta' din il-proċedura akkariku tal-atturi intimati f'din il-proċedura.*

2. Rat illi fit-22 ta' Awissu 2019, ir-**Reġistratur tal-Artijiet** irrisponda għal dak mitlub billi, filwaqt li qabel li t-taxxa kellha tiġi korretta, qajjem is-segwenti difiżi:

   1. *Illi r-Reġistratur tal-Artijiet kien ġie kjamat fil-kawża (rikors numru 26/1998) permezz tad-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati Għawdex (Ġurisdizzjoni Superjuri) li ngħata fid-19 ta' Novembru 2003. Fir-risposta tiegħu r-Reġistratur tal-Artijiet issottometta li l-presenza tiegħu fil-kawża hija neċessarja biss għal skop tal-eventwali eżegwibbilita tal-ġudizzju tal-Qorti ai termini tal-Artikolu 51(5) tal-Kap. 296 u għaldaqstant huwa irrimetta ruħu għall-provi miġjuba u għall-ordni tal-Qorti;*

   2. *Illi t-talbiet f'din il-kawża jolqtu wkoll l-interess tal-esponent Reġistratur tal-Artijiet peress li huwa wkoll għandu spejjeż li jrid jiġbor mill-atturi fil-kawża rikors numru 26/1998 u għalhekk jekk għadha ssir korrezzjoni fit-taxxa uffiċċjali din għandha ssir ukoll fil-konfront tar-Reġistratur tal-Artijiet u dan anke għaliex it-taxxa maħduma fil-konfront tiegħu hija wkoll baxxa ħafna, tenut kont tal-volum ta' xogħol u dokumenti annessi fil-kawża prinċipali. Għal din ir-raġuni l-esponent ma jopponix għat talbiet tar-rikorrenti f'din il-kawża u f'dan l-istadju jirrimetti ruħu għas-savju u superjuri ġudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;*

   3. *Illi fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhix attribwibbli għal xi għemil da parti tiegħu u għalhekk m'għandux ibagħti l-ispejjeż ta' din il-kawża;*

   4. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ.*

3. Rat illi fis-26 ta' Awissu 2019, **Carmen Borg u Clementia Grech** ressqu d-difiżi tagħhom fejn oġġezzjonaw għal dak mitlub u dana kif ġej:

*Illi in linea preliminari, r-rikorrenti għandhom jieħdu ħsieb jagħmlu l-korrezzjonijiet neċessarji stante illi l-intimat Gregory Vella ilu mejjet is-snin. Illi fil-mertu, t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq premessi għal kollox żbaljati, u fuq interpretazzjoni tal-liġi intenibbli.*

*Huwa immedjatament evidenti illi r-rikorrenti qegħdin jaċċettaw u jaqblu illi ż-żmien mogħti mir-Reġistratur tal-Qrati sabiex ssir in-nota apposita ffirmata bejn l-avukati tal-partijiet skada.*

*Illi r-rikorrenti jżidu illi l-Avukat sottoskritt naqas milli jagħti tweġiba entro l-ħmistax-il jum konċessi mir-Reġistratur, u kien biss wara li skada dan it-terminu u nħarġet it-taxxa illi ġew infurmati illi l-atturi appellanti ma kinux bi ħsiebhom jirrilaxxaw dikjrazzjoni ta' valur. Kienu x'kienu r-raġunijiet, il-fatt jibqa' illi ġialadarba skada t-terminu in kwistjoni, it-taxxa nħadmet u ġiet rilaxxjata kif titlob il-liġi, ai termini tal- Art 4(3) tat-Tariffa A tal-Kap 12 tal-liġijiet ta' Malta;*

> *'Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600) salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ.*

*Illi r-Reġistratur għamel proprju hekk. Illi r-rikorrenti jħossuhom urtati b'dan l-akkadut u qed jieħdu tentattiv sabiex jagħtu xejra u interpretazzjoni kulurita lill-Liġi bil-għan li takkomoda t-teżi tagħhom. Saħansitra, jallegaw illi r-Reġistratur 'injora u ttraskura għal kollox id-disposizzjonijiet tal-paragrafu 4(i)(e) tat-Tariffa A' li jipprovdi:*

> *'F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt ta' proprjeta jew fuq il-proprjeta kontra persuna oħra, huwa [L-ATTUR] għandu jissottometti dikjarazzioni maħlufa li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li ikun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi ntaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur: Iżda f'ebda każ id-dritt intaxxat ma għandu jkun inqas minn €250'.*

*Illi r-rikorrenti jkomplu jargumentaw illi "Dan l-artikolu jawtorizza lir-Reġistratur li jitlob din id-dikjarazzjoni maħlufa mingħand l-attur f'kull żmien, inkluż wara li tkun ġiet deċiża l-kawża".*

*Illi b'kull rispett, din l-interpretazzjoni hija fallaċi u tirrappreżenta biss distorsjoni tal-liġi. Dan l-artikolu ma jagħti ebda jedd lir-Reġistratur jimponi ruħu fuq dik li hija prerogattiva illi l-liġi tagħti biss lill-attur. Ir-Reġistratur ma jista' jeżerċita l-ebda kontroll fuq kif l-attur jagħżel jimposta u*

*jikkonfezzjona l-azzjoni tiegħu. Din in-nota maħlufa b'dikjarazzjoni tal-valur setgħet issir biss mill-attur, fil-bidu tal-proċeduri, biex f'każ illi t-talbiet tiegħu jiġu milqugħa, jkun hemm valur ġust fuq hiex ir-Reġistratur ikun jista' jintaxxa l-ispejjeż u drittijiet. Ġialadarba, din in-nota, ma saritx fl-1998, ir-Reġistratur ma jistax jimponi fuq l-attur sabiex jagħmilha, u mbagħad f'dan l-istadju!*

*Illi inoltre, r-rikorrenti fir-rikors tagħhom jiċċitaw it-Tariffa E li tirregola d-drittijiet tal-Avukat. Pero' għandu jingħad illi l-lista ta' dawn id-drittijiet m'għandha x'taqsam xejn mal-ħruġ tat-taxxa uffiċjali, illi hija regolata mill-Artikolu 4 tat-Tariffa A. L-imposizzjoni u l-applikazzjoni ta' dawn id-drittijiet skond it-Tariffa E jiskattaw biss meta hemm valur mogħti. F'dan il-każ ma hemm l-ebda valur marbut ma l-oġġett tal-kawża. Dana, inter alia, minħabba l-fatt illi ma saritx in-nota rikjesta entro t-terminu ta' ħmistax-il jum, u kwindi daħal fis-seħħ b'mod awtomatiku dak kkontemplat fi Skeda A, Tariffa A, para 4 (3), tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Kieku kien hemm valur allokat għall-oġġett tal-kawża, mbagħad iva, t-Tariffa E kienet tapplika biex jiġu stabbiliti r-rati tad-drittijiet dovuta.*

*Illi r-rikorrenti dana jafuh sewwa. Diġa' f'Marzu tas-sena 2014 għamlu tentattiv simili, liema talba ġiet miċħuda mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, fejn fid-digriet tagħha tal-24 ta' Ġunju 2014 (Dok A) il- Qorti kkonkludiet illi:*

> *'Fil-fehma tagħha għall-każ preżenti, fin-nuqqas tan-Nota msemmija mill-konvenuti, u ġialadarba l-ħatra ta' perit għall-fini ta' valur ta' oġġett ta' kawża, mhix kontemplata la fit-Tariffa A tal-istess Kodiċi dwar id-drittijiet tar-Reġistru tal-Qrati u lanqas fit-Tariffa E dwar id-drittijiet tal-avukati, prokuraturi legali u kuraturi ex ufficio, għandu japplika l-artikolu 4(3) tat-Tariffa A'.*

*Illi dan qiegħed jingħad ukoll fid-dawl tal-fatt illi fir-rikors odjern, ir-rikorrenti fl-aħħar parti tar-rikors tagħhom (para 4) jissuġġerixxu l-ħatra ta' perit għall-finijiet ta' valutazzjoni. Anki jekk ipotetikament, il-Liġi tagħti dan ir-rimedju (li mhuwiex il-każ), huwa impossibbli li jsir eżerċizzju ta' valutazzjoni sempliċiment minħabba l-fatt illi l-oġġett tal-kawża illum ma jeżistix, mhuwiex identifikat u lanqas identifikabbli.*

*Jekk wieħed iħares lejn it-tieni u t-tielet talba tal-intimati atturi appellanti intalab is-segwenti:*

> *"2. Tiddikiara li l-konvenuti Joseph u Maria Concetta konjuġi Borg abbużivament ħadu l-pussess u iddemolew il-bini formanti l-ambjenti proprjeta' tal-atturi, abbużivament żviluppaw l-art li rriżultat wara d-demolizzjoni tal-istess bini proprjeta' tal-atturi u bnew bini ġdid fuqha u abbużivament qegħdin jokkupaw il-proprjeta' li tappartjeni lill-atturi;*
>
> *"3. Tordna lill-konvenuti Joseph u Maria Concetta konjuġi Borg sabiex jirrintegraw lill-atturi fil-pussess tal-propjeta' tagħhom u sabiex*

> *ipoġġu l-proprjeta' tal-atturi fl-istat pristinu tagħha u dan fi żmien qasir u perentorju li tipprefiġġilhom dina l-Qorti."*

*Fis-sentenza tagħha, kif del resto ġiet ikkonfermata fl-istadju ta' Appell, il-Qorti tal-Ewwel Istanza ddeċidiet kif ġej;*

> *"Għal dawn il-motivi, u peress li l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li huma għandhom xi drittijiet ta' proprjeta' fuq il-fond mibni mill-konjuġi Borg fl-inħawi deskritti ta' Għajn Tuta, limiti ta' Kerċem, tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt illi tiddikjara li l-atturi huma proprjetarji tal-ambjenti formanti parti diviża mill-fond bla numru ġia' mmarkat bin-numru dsatax (19) Triq Għajn Tuta, Kerċem, Għawdex, liema ambjenti huma aħjar deskritti fil-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Alosio Calleja Pace tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar elf disa' mija u sebgħa (1907), u assenjati lil nannithom Clementia Vella bl-istess kuntratt, jew aħjar illum, l-art li fuqha kienu jinsabu, billi ftit li xejn fadal minnhom, tiċħad it-talbiet attriċi l-oħra, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess atturi."*

*Illi in vista tal-fatt illi anki l-Qorti ddikjarat illi l-atturi ma rnexxielhomx jippruvaw li kellhom xi jeddijiet fuq il-fond mibni mill-konvenuti appellati, kif ukoll illi fi żmien il-proċeduri kull ma kien fadal kien 'ftit li xejn' mill-proprjeta' oriġinali, ma jħalli l-ebda konklużjoni għajr il-fatt illi huwa impossibli illi jingħata valur lill-proprjeta' illi lanqas ġiet identifikata fejn tinsab, għajr għat-tifrik li kien fadal fi żmien il-kawża. Għalhekk, l-istima ta' €260,000 suġġerita da parti tar-rikorrenti hija waħda li tqarreb lejn l-immaġinattiv u l-astratt.*

*Anki kieku, dato ma non concesso, kien hemm rieda da parti tal-intimati li tinħareġ din in-nota dikjaratorja, xorta waħda r-Reġistratur ma kienx ikun f'posizzjoni li jbiddel it-taxxa diġa' maħruġa. Il-Liġi titlob illi, fuq talba tar-Reġistratur, l-Avukati tal-partijiet jiffirmaw nota konġunta b'dikjarazzjoni ta' valur. Illi permezz ta' ittra mibgħuta minn Dr Kevin Mompalao għan-nom ta' Joseph Vella, Maria Vella, Sr Carmen Cardona u Sr Maryanne Cardona, datata 17 ta' Ġunju 2019 (Dok B), huma aċċettaw illi l-ispejjeż u drittijiet mitluba huma dawk skond it-taxxa uffiċjali, mingħajr riservi. Ma setgħux għalhekk ikunu komparteċipi f'nota dikjaratorja rikjesta mill-liġi, u għaldaqstant xorta waħda l-imsemmija nota ma setgħetx titqies valida u regolari biex jiġi stabbilit valur. Lill hinn minn dan l-argument, kawża ma jistax ikollha żewġ taxxi differenti abbinati magħha.*

*It-taxxa tal-Ewwel Istanza diġa' nħarġet u ma tistax tinbidel, anki a bażi tad-digriet tal-2014 fuq ċitat. Inoltre, lanqas it-taxxa tal-proċeduri ta' appell ma tista' tiġi mibdula jew riveduta, għar-raġunijiet fuq imsemmija.*

*In konklużjoni, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi respinta stante li l-istess talba mhi konduċenti għal ebda proċedura jew rimedju kontemplat fil-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta. B'dan illi filwaqt li r-rikorrenti huma għal kollox liberi jappuntaw perit/tekniku a spejjeż tagħhom sabiex issir valutazzjoni on site tal-oġġett mertu tal-kawża, bl-ebda mod kwalisasi rapport jew stima ta' perit*

*tekniku jistgħu jinfluwixxu fuq il-ħruġ ta' taxxa uffiċjali, għax tali proċedura hija ineżistenti fil-liġi tagħna (ara Dok A). Il-proċedura hija ċara u trid tiġi osservata - trid issir nota ffirmata mill-avukati kollha li tindika l-valur tal-oġġett mertu tal-kawża. Din ma saritx, u kwindi nħarġet it-taxxa b'mod regolari, kif titlob il-liġi.*

*Għaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż kontra tagħhom.*

4. Rat illi fl-4 ta' Settembru 2019, l-intimati **George Cardona** irrisponda għal dak mitlub billi qal is-segwenti:

    1. *Illi huwa werriet ta' Regina Caronda li kienet waħda mill-konvenuti oriġinali li pero' mietet fil-mori tal-kawża;*

    2. *Illi l-kawża deċiża fl-appell nhar il-31 ta' Mejju 2019 ordnat li l-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi jkunu a kariku tal-atturi appellanti li kienu Gregory Vella; Clementia mart Joseph Grech; Carmen mart Emanuel Borg u Salvina mart Thomas D'Anastasi;*

    3. *Illi t-taxxa relatata mal-kawża fl-ewwel istanza inħarġet fis-sittax (16) ta' Ottubru, elfejn u erbatax (2014), filwaqt li t-taxxa relatata mal-appell inħarġet fis-sitta (6) ta' Ġunju, elfejn u dsatax (2019);*

    4. *Illi dan ir-rikors qed jittratta dawn iż-żewġ taxxi;*

    5. *Illi l-esponenti jirrimetti ruħu għas-savju ġudizzju ta' dina l-Qorti Onorabbli in kwantu t-taxxa kif maħduma u kif riveduta mill-istess Qorti jekk ikun il-każ u għalhekk ma għandux ibati l-ispejjeż tal-istanti.*

    *Daqstant għandu x'jissottometti bl-akbar rispett għas-savju ġudizzju ta' din l-Qorti Onorabbli.*

5. Rat illi fis-27 ta' Awissu 2019 l-intimati **Joseph Cardona, Maria Vella, Suor MaryAnne Cardona u Suor Carmen Cardona** irrispondew għal dak miltub billi qablu mat-talba rikorrenti u qalu s-segwenti:

    *Illi l-esponenti ma jopponux għat-talbiet għal ritassa kif dedott fir-rikors promotur. Fil-fatt huma wkoll qiesu t-taxxa maħruġa bħala waħda inġusta.*

    *Illi l-esponenti ma għandhom ibagħtu l-ebda spejjeż stante illi huma ma kellhomx l-ebda sehem fil-ħruġ tat-taxxa impunjata.*

6. Rat illi fl-10 ta' Ottubru 2019, l-intimata **Salvina D'Anastasi** laqgħet għal dak mitlub billi oġġezzjonat għal dak mitlub u qalet is-segwenti:

    1. *Illi fl-ewwel lok u in linea preliminari, l-esponenti teċċepixxi l-inkompentenza ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi jekk xejn tali talba kellha tiġi indirizzata lill-Qorti li ħarġet l-imsemmija taxxa uffiċjali li ma hix din l-Onorabbli Qorti;*

2. *Illi di piu' u wkoll in linea preliminari, l-atturi jibbażaw l-azzjoni tagħhom ai termini tal-Artikolu 64 tal-Kap. XII tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan is-sens, il-proċedura kontemplata fl-istess artikolu anqas ġiet rispettata tant illi tali azzjoni kellha tittieħed fi żmien xahar. Tali perjodu huwa wieħed perentorju;*

3. *Illi preliminarjament ukoll, l-atturi istitwew dawn il-proċeduri fost oħrajn fil-konfront tar-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali mingħajr ebda indikazzjoni kwalsiasi fil-konfront ta' liema qegħdin jiġu istitwiti dawn il-proċeduri;*

4. *Illi barra minn hekk, l-esponenti tissottometti illi t-taxxa uffiċċjali ilha li ġiet kompilata lura fis-16 ta' Ottubru, 2014 kif ukoll u li tali taxxa uffiċċjali kienet il-mertu ta' diversi proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri Sezzjoni Ġenerali fl-atti taċ-Ċitazzjoni Nru. 26/1998 u għalhekk il-mertu in konnessjoni ma' tali taxxa ormai huwa wieħed eżawrit;*

5. *Illi apparti hekk it-taxxa lamentat ma tistax tinbidel a bażi tad-digriet tal-24 ta' Ottubru, 2014 hekk kif lanqas tiġi mibdula jew riveduta t-taxxa tal-proċeduri tal-appell. Ma jirriżultax li tali proċedura suġġerita mir-rikorrenti tikkontempla dak li qiegħed jintalab minnhom fl-atti ta' dan ir-rikors;*

6. *Illi l-esponenti tiċħad kategorikament illi hija għandha tbati l-ispejjeż ta' din il-proċedura stane li n-nuqqas lamentat żgur li ma jinkombix fuq l-istess esponenti u dan kif jidher evidentement ċar mill-atti tal-proċeduri msemmija kif ukoll hekk kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

7. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri fil-fatt u fid-dritt.*

7. Rat illi fis-6 ta' Awissu 2021, wara illi l-partijiet kienu ġia għamlu s-sottomissjonijiet tagħhom u l-kawża tħalliet għas-sentenza, u kienet il-Qorti li rrilevat li r-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili qatt ma ġie notifikat bl-atti fil-konfront tiegħu, l-istess **Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili** ġie eventwalment notifikat u ppreżenta r-risposta tiegħu, fejn qajjem is-segwenti difiżi:

1. *Illi fl-ewwel lok l-esponenti jipprotesta għal kliem użat mir-rikorrenti f' paġna 4 tar-rikors promotur tiegħu fejn qal "L-interpretazzjoni adottata mir-Reġistratur f'dan il-każ għandha bħala riżultat dirett il-kollużjoni tiegħu mat-tentattiv tal-parti sokkombenti li tevadi l-obbligu tagħha..." (para. 3) Illi l-esponenti jiċħad tali kalunja u huwa qatt ma għamel ebda kollużjoni ma' ebda parti fil-kawża qabel intaxxa xi kawża.*

2. *Illi jidher li r-rikorrenti f'din il-kawża qiegħed jitfa' t-taxxa maħruġa wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-ġurisdizzjoni superjuri tagħha u dik maħruġa wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Appell f'basket wieħed bħal donnu ġew maħduma mill-istess Reġistratur. Illi minn dan il-lat, l-esponenti ma jistax iwieġeb għall-għemil tar-Reġistratur Qrati u Tribunali Għawdex li ntaxxa l-kawża li kienet ġiet*

*deċiża mill-istess Qorti f'Għawdex u dan għas-sempliċi raġuni li huwa m'għandu ebda ġurisdizzjoni fuq it-taxxi maħduma mir-Reġistratur tal-Qrati Għawdxin.*

3. *Illi di piu' din l-Onorabbli Qorti lanqas għandha kompetenza tisma' rikors li qed jattakka taxxa tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u għalhekk safejn għandu x'jaqsam it-taxxa maħruġa mir-Reġistratur t'Għawdex, din il-Ċorti għandha tastjeni milli tieħu konjizzjoni tagħha.*

4. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost ir-Reġistratur huwa fid-dmir li jintaxxa l-kawżi u dan joħroġ b'mod ċar mill-Kap 12. Illi l-para 4(3) tat-Tariffa A li tirregola d-drittijiet tar-reġistru jistipula:*

    *(3) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta' dan il-paragrafu, jekk, wara s-sentenza finali, il-Qorti tkun iddikjarat jew illikwidat ammont bħala l-valur tal-kawża u dak il-valur hu ċert jew għandu jiġi determinat skont il-liġi, u d-drittijiet intaxxati fuq dak il-valur ikunu ogħla mill-ammont imħallas bħala drittijiet tar-reġistru, ir-Reġistratur tal-Qrati jista' jitlob id-differenza mill-parti li tkun għamlet il-kawża; u jekk fi tmiem il-proċeduri l-valur jibqa' ma jiġix dikjarat jew mhux determinat mill-partijiet jew mill-imsemmija Qorti, id-drittijiet ikunu stabbiliti skont il-minimu miżjuda (€600), salv id-dritt tar-reġistratur li joħroġ taxxa addizzjonali jekk u meta jkun il-każ"*

5. *Illi sussegwentement r-Reġistratur jibgħat jinforma lill-partijiet kollha u l-avukati tagħhom bl-intenzjoni tiegħu li ser juża l-intaxxar hawn fuq indikat peress li ma jirriżulta ebda valur li joħroġ mill-atti tal-kawża u dan kif ġara f'dan il-każ. F'dan il-kuntest jiġi rilevat ukoll illi r-Reġistratur dejjem jeżiġi li n-nota dwar il-valur tkun waħda konġuntiva bejn il-partijiet.*

6. *Illi dwar dak li jgħid ir-rikorrenti dwar il-para. 4(1)(e), minn qari sew ta' dak il-paragrafu wieħed jifhem li d-dikjarazzjoni maħlufa għandha tiġi ppreżentata fil-bidu tal-kawża mir-rikorrent u huwa l-obbligu tiegħu li jissottomettiha. Illi dan il-paragrafu ma jawtorizzax lir-Reġistratur li jitlob id-dikjarazzjoni maħlufa kif qed jgħid ir-rikorrenti imma jitfa' dak l-obbligu fuq min jippreżenta l-kawża. Tajjeb li jingħad li r-reġistratur ma jistax jirrifjuta li jaċċetta atti ġudizzjarji jekk l-ommissjoni ma tkunx dik indikata fl-art 184 (Kap. 12) u din id-dikjarazzjoni ġuramentata dwar il-valur mhix indikata fl-art. 184 (Ibid.)*

7. *Illi dwar l-applikazzjoni tal-para. 4(1)(e) tat-Tariffa A, mhux minnu li dan ġie applikat għad-drittijiet tal-avukati. Illi dak il-paragrafu jintuża biss biex jiddetermina d-drittijiet tar-Reġistru. Illi mandakollu il-para. 14 tat-Tariffa E jgħid li l-valur irid ikun determinat jew determinabbli skont il-liġi jew mill-proċess. U f'dan il-każ ma kien hemm ebda valur li joħroġ mill-proċess.*

8. *Illi għandu jingħad ukoll illi r-rikorrenti mkien ma attakka t-taxxa maħruġa mir-Reġistratur odjern wara d-deċiżjoni tal-Onorabbli Qorti*

*tal-Appell. Dan għaliex huwa jaf li din it-taxxa ġiet korrettement maħduma. L-appellanti attakka l-ewwel sentenza billi talab il-konferma tas-sentenza fejn laqgħat l-ewwel talba tiegħu u r-revoka tad-deċiżjonijiet fejn ċaħdet iż-żewġ talbiet l-oħra li kienu jittrattaw il-pussess tal-proprjeta. Illi tali deċiżjoni dwar pussess jiġi ntaxxat bħala dikjarazzjonijiet u hekk ġew intaxxati.*

*9. Salv jekk ikun il-każ eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Illi għal dawn ir-raġunijiet it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.*

8. Rat illi fis-26 ta' Novembru 2019, ġew allegati l-atti tal-kawża 26/1998 deċiżi mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019.

9. Rat in-nota ppreżentata mir-rikorrenti fid-29 ta' Mejju 2020 fejn indikaw id-dokumentazzjoni rilevanti fil-proċess 26/1998. (fol 88)

10. Rat l-affidavit tal-Perit Saviour Micallef ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2020. (fol 93)

11. Rat illi fid-9 ta' Ġunju 2020 il-Qorti ddikjarat il-provi rikorrenti bħala magħluqa.

12. Rat in-nota ta' Carmen Borg ippreżentata fil-11 ta' Ġunju 2020, fejn għarrfet lill-Qorti illi ma kellhiex provi x'tippreżenta.

13. Rat in-nota ta' Salvina D'Anastasi fejn indikat id-dokumentazzjoni rilevanti, da parte tagħhom, fil-proċess 26/1998. (fol 94)

14. Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2020, ir-Reġistratur tal-Artijiet għarraf lill-Qorti illi ma kellux provi x'jippreżenta.

15. Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2020, fl-assenza ta' l-intimati l-oħra, l-Qorti ddikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi magħluqa w ddifferiet il-kawża għas-sottomissjonijiet finali bil-miktub.

16. Rat is-sottomissjonijiet rikorrenti bil-miktub ppreżentati fit-28 ta' Settembru 2020.

17. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimata Salvina D'Anastasi bil-miktub ippreżentati fl-24 ta' Novembru 2020.

18. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimata Carmen Borg bil-miktub, ippreżentati fl-20 ta' Jannar 2021.

19. Rat is-sottomissjonijiet ta' l-intimat Reġistatur tal-Artijiet bil-miktub, ippreżentati fil-21 ta' Jannar 2021.

20. Rat illi fil-21 ta' Jannar 2021, il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

21. Rat illi fid-29 ta' April 2021, il-Qorti ssospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza, peress illi rriżulta illi r-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, qatt ma sar tentattiv biex jiġi notifikat, u għalhekk ordnat illi jiġi notifikat u jingħata żmien sabiex jirrispondi.

22. Rat illi, wara li l-Qorti sospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza għar-raġunijiet fuq ġia indikati, ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili ġie notifikat fis-7 ta' Mejju 2021 u ppreżenta r-risposta tiegħu tardivament fis-6 ta' Awissu 2021.

23. Rat illi fil-11 ta' Novembru 2021, ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili għarraf illi ma kellux provi x'jippreżenta.

24. Rat illi fil-11 ta' Novembru 2021, il-kawża ġiet differita għas-sottomissjonijiet tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili kif ukoll għal sottomissjonijiet risponsivi wara s-sottomissjonijiet tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili.

25. Rat illi fl-20 ta' Jannar 2022, la daħlu sottomissjonijiet bil-miktub tar-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, u wisq anqas sottomissjonijiet risponsivi, u għalhekk il-kawża ġiet differita għas-sentenza għallum.

## Konsiderazzjonijiet

26. Jirriżulta, mill-assjem tal-provi prodotti quddiem dina l-Qorti, illi l-kawża odjerna hija l-aħħar kapitolu ta' saga twila illi ilha għaddejja bejn il-partijiet, li bdiet fis-sena 1998, ossija aktar minn ħamsa u għoxrin sena ilu, quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Supjeruri, b'deċiżjoni finali mogħtija fis-7 ta' Jannar 2014, u kompliet quddiem il-Qorti tal-Appell Superjuri, fejn ingħatat deċiżjoni finali fil-31 ta' Mejju 2019.

27. Jirriżulta, di fatti, illi permezz ta' proċeduri mibdija fit-28 ta' Jannar 1998 minn Gregory Vella, Clemetia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi, huwa talbu s-segwenti:

> *1. Tiddikjara li l-atturi huma proprjetari tal-ambjenti formanti parti diviża mill-fond bla numru ġia' mmarkat bin-numru dsatax (19), Triq Għajn Tuta, Kerċem, Għawdex, liema ambjenti huma aħjar deskritti fil-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Aloisio Calleja Pace tat-tlieta u għoxrin (23) ta' Jannar elf disa' mija u sebgħa (1907) u li l-istess ambjenti ma' kinux jifformaw parti mill-lok ta' djar li kien ġie assenjat lill-konventua Regina miżżewġa Cardona bil-kuntratt ta' diviżjoni fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo tal-ħamsa (5) ta' Frar elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) li sussegwentement ġie mibjugħ u ttrasferit lill-konvenut Joseph Cassar bil-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Michael Refalo tas-sitta u għoxrin (26) ta' Ottubru elf disa' mija u tmienja u tmenin (1988), lill-konvenuti l-Avukat Dottor Victor Bajada u s-soċjeta' "Ta' Frenċ Real Estate Company Limited" bil-kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul George Pisani tas-sebgħa (7) ta' Jannar elf disa' mija u wieħed u disgħin (1991), u lill-konvenut Joseph Borg bil-kuntratt tas-sebgħa (7) ta' Mejju elf disa' mija u tnejn u disgħin (1992);*
>
> *2. Tiddikjara li l-konvenuti Joseph u Maria Concetta konjuġi Borg abbużivament ħadu l-pussess u iddemolew il-bini formanti l-ambjenti proprjeta' tal-atturi, abbużivament żviluppaw l-art li rriżultat wara d-demolizzjoni tal-istess bini proprjeta' tal-atturi u bnew bini ġdid fuqha, u abbużivament qegħdin jokkupaw il-proprjeta' li tappartjeni lill-atturi;*

*3. Tordna lill-konvenuti Joseph u Maria Concetta konjuġi Borg sabiex jirrintegraw lill-atturi fil-pussess tal-proprjeta' tagħhom u sabiex ipoġġu l-proprjeta' tal-atturi fl-istat pristinu tagħha u dan fi żmien qasir u perentorju li tipprefiġġilhom dina l-Qorti.*

28. Jirriżulta illi, b'sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-Ġurisdizzjoni Superjuri tagħha mogħtija fis-7 ta' April 2014, filwaqt illi l-Qorti laqgħet l-ewwel talba tar-rikorrenti, ċaħdet it-tieni u tielet talba tagħhom u akkollat l-ispejjeż kollha kontra ir-rikorrenti, ossija Gregory Vella, Clemetia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi.

29. Jirriżulta illi l-istess Gregory Vella, Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi intavolaw appell minn tali deċiżjoni, liema appell ġie lilhom miċħud, filwaqt illi ġie deċiż ukoll illi "*l-ispejjeż taż-żewġt istanzi għandhom jitħallsu mill-istess atturi appellanti*"

## Meritu tal-każ

30. Jirriżulta illi, permezz tal-azzjoni odjerna intavolata fit-28 ta' Ġunju 2019, ir-rikorrenti odjerni, illi kienu lkoll intimati fil-proċeduri mnedija minn Gregory Vella, Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi, qegħdin jikkontestaw it-taxxa maħduma fis-6 ta' Ġunju 2019 mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali.

31. Jirriżulta, di fatti, illi r-rikorrenti qed jilmentaw illi t-taxxa maħruġa wara d-deċiżjoni tal-Prim' Istanza, ossija maħruga fis-16 ta' Ottubru 2014, kienet żbaljata peress illi ma akkordat ebda dritt lill-Avukati, filwaqt illi t-taxxa maħruġa wara d-deċiżjoni tat-Tieni Istanza, ossija dik maħduma fis-6 ta' Ġunju 2019, ma għamlet ebda referenza għall-dritt dovut fi stadju ta' Prim' Istanza.

32. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi uħud mill-intimati odjerni, ossija Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi qed joġġezzjonaw għal tali talba filwaqt illi l-intimati l-oħra rimanenti, għajr għar-Reġistratur Qrati u Tribunali Ċivili, li kienu ġia intimati flimkien mar-rikorrenti fil-proċeduri mibdija minn Gregory Vella, Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi, ma oġġezzjonawx illi t-taxxa tiġi riveduta.

33. Jirriżulta illi l-intimati Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi kienu qed joġġezzjonaw għar-reviżjoni, għar-raġunijiet segwenti:

    a. Salvina D'Anastasi

        i. Għax din il-Qorti hija inkompetenti biex tisma' l-każ odjern;

        ii. Għax l-azzjoni ta' ritassa hija preskritta;

        iii. Għax it-taxxa maħruġa fis 16 ta' Ottubru 2014 hija waħda finali u ma tistax tiġi kkontestata

    b. Clementia Grech u Carmen Borg:

        i. Għax it-Taxxa inħadmet korrettement mir-Reġistratur a tenur tal-Artikolu 4(3) tat-Tariffa A li tinstab fil-Kap 12.

ii. Għax huwa dritt tal-attur BISS illi jindika l-valur tal-azzjoni minnu pretiża, u dana skond Art 4 (1) (e) tat-Tariffa A li tinstab fil-Kap 12 u f'każ li ma jagħtihiex, r-Reġistratur ma jistax jasal għal ebda valur waħdu.

iii. Għax id-drittijiet dovuti lill-Avukati abbażi tat-Tariffa E jistgħu jirriżultaw BISS jekk hemm valur u, la darba ma hemmx valur stabbilit jew maqbul bejn il-partijiet, dritt naxxenti mit-Tariffa E ma huwiex dovut.

iv. Għax it-taxxa maħruġa fis-16 ta' Ottubru 2014 hija waħda finali u ma tistax tiġi kkontestata

**Ikkunsidrat**

34. Mill-assjem tal-provi prodotti, u aktar minn hekk, mill-qari fir-reqqa tal-atti proċesswali voluminużi tal-kawża deċiża mill-Prim' Istanza kif ukoll mis-Sekonda Stanza, jirriżulta illi l-kawża oriġinali kienet tirrigwarda propjeta indikata bħala 19, Triq Għajn Tuta, Kerċem, Għawdex, li, fit-23 ta' Jannar 1907, kienet ingħaddiet, parti lil Clemenzia Vella u parti lil Carmelo Tabone, lkoll antenati tal-partijiet.

35. Jirriżulta illi l-intimati odjerni Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi flimkien ma' Gregory Vella, illum mejjet, kienu wirtu l-parti ta' Clemenzia Vella.

36. Jirriżulta, mill-banda l-oħra, illi omm l-intimati Joseph Cardona, Maria Vella, Suor MaryAnne Cardona u Suor Carmen Cardona, ossija Regina Cardona, kienet wirtet il-parti ta' Carmelo Tabone.

37. Jirriżulta illi żewġ terzi tal-propjeta ta' Regina Cardona ġiet eventwalment mibjugħa lil Ta' Frenċ Real Estate Company Limited u Dr Victor Bajada fis-7 ta' Jannar 1991 u eventwalment inbiegħet lil Joseph Borg fis-7 ta' Mejju 1991.

38. Jirriżulta illi Joseph Borg żviluppa l-propjeta lilu mibjugħa u dana wassal għall-azzjoni ta' Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi flimkien ma' Gregory Vella, kontra kulħadd f'Jannar 1998, peress illi qalu li Borg:

> "*abbużivament ħadu l-pussess u iddemolew il-bini formanti l-ambjenti proprjeta' tal-atturi, abbużivament żviluppaw l-art li rriżultat wara d-demolizzjoni tal-istess bini proprjeta' tal-atturi u bnew bini ġdid fuqha, u abbużivament qegħdin jokkupaw il-proprjeta' li tappartjeni lill-atturi*"

39. Jirriżulta illi, eventwalment, wieħed u għoxrin (21) sena wara li bdew is-saga tagħhom, l-intimati Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi flimkien ma' Gregory Vella ġew dikjarati li huma propretarji tal-fond li kienu ġew oriġinalment mgħoddija lin-nanna paterna tagħhom, Clemenzia Vella, filwaqt illi ġiet miċħuda t-talba li r-rikorrenti odjerni Joseph Borg okkupaw abbużivament propjeta' tal-parti l-oħra.

**Ikkunsidrat**

40. Jirriżulta illi uħud mill-intimat, ossija dawk li kienu rikorrenti fil-proċeduri li għaliha inħarġet it-taxxa li qed tiġi impunjata, ossija Salvina D'Anastasi, Carmen Borg u Clementia Grech, qajmu varji eċċezzjonijiet li jimmeritaw illi jiġu kkunsidrati, illi prinċiplament huma s-segwenti:

   a. L-azzjoni odjerna hija preskritta;
   b. Din il-Qorti mhix kompetenti sabiex tiddeċiedi l-vertenza;
   c. Il-valur jista' jiġi stabbilit mir-rikorrenti biss u mhux mir-Reġistratur tal-Qorti;
   d. It-taxxa tas-16 ta' Ottubru 2014 hija waħda finali u ma tistax tiġi kkontestata.

**A - Azzjoni preskritta**

41. Jirriżulta illi waħda mill-eċċezzjonjiet imqajma kienet dik illi l-azzjoni odjerna kienet preskritta bit-trapass tat-tletin ġurnata stabbilita fil-Liġi.

42. Il-Qorti hawnhekk tagħmel referenza għall-Artikolu 64 tal-Kap 12 li jipprovdi dan li ġej:

    *(1) L-ispejjeż ġudizzjarji jiġu ntaxxati u likwidati mir-reġistratur, u t-taxxi magħmulin minnu ma jistgħux jiġu attakkati wara li jagħlaq xahar. Dik l-azzjoni għandha tinbeda b'rikors li għandu jiġi trattat sommarjament mill-qorti. Dan iż-żmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa, u, għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.*

43. Issir ukoll referenza għal dak illi huwa pprovdut fl-Artikolu 11 tat-Tariffa A tal-Kap 12, intitolat '*Drittijiet li jitħallsu rigward is-smigħ tal-kawżi fir-Reġistri tal-Qrati Superjuri u fil-Qrati tal-Maġistrati f'Malta u f'Għawdex, eskluża l-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja*', liema Artikolu jgħid dan li ġej:

    *1) Ir-Reġistratur għandu jara li taxxa tal-ispejjeż tinżamm fl-inkartament ta' kull kawża u għandu jniżżel minnufih fit-taxxa l-ħlasijiet kollha magħmula lir-Reġistratur u l-ħlasijiet kollha dovuti lill-avukati u l-prokuraturi legali tal-partijiet, u l-partijiet, l-avukati tagħhom u l-prokuraturi legali tagħhom ikollhom dritt għal kopja tat-taxxa f'kull ħin.*

    *(2) Fi żmien xahar mill-għoti tas-<u>sentenza finali</u>, ir-Reġistratur għandu jara li titħejja taxxa tal-ispejjeż finali u kopja tagħha tintbagħat lill-partijiet u lill-avukati u prokuraturi legali tagħhom.*

    *(3) Għall-preżentata ta' kull rikors fejn tintalab ir-ritassa jew l-approvazzjoni ta' ratissazzjoni ta' spejjeż rilaxxata taħt dan l-inċiż għandu jitħallas id-dritt ta' €50.*

44. Jirriżulta illi s-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri ingħatat fil-31 ta' Mejju 2019 filwaqt illi t-taxxa maħruġa mill-Qorti tal-Appell Superjuri, għalkemm mhix iffirmata u għalhekk mhux maħruġa uffiċjalment, jidher illi ġiet maħduma fis-6 ta' Ġunju 2019.

45. Jirriżulta illi l-azzjoni odjerna saret fit-28 ta' Ġunju 2019.

46. Jirriżulta ċar, mid-diċitura tal-Artikolu 11 tat-Tariffa A tal-Kap 12, illi taxxa għandha tinħareġ fi żmien xahar **mill-għoti tas-sentenza finali**.

47. Jirriżulta illi s-sentenza finali ingħatat mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Mejju 2019 w l-azzjoni odjerna saret wara il-ħruġ tat-taxxa maħruġa mill-Qorti tal-Appell.

48. Jirriżulta, għalhekk, illi l-azzjoni odjerna ma tistax titqies bħala preskritta u tali difiża ma timmeritax illi tiġi kkunsidrata favorevolment.

**B - Din il-Qorti mhijiex kompetenti**

49. Jirriżulta illi l-intimati qajjmu wkoll, bħala eċċezzjoni oħra, il-fatt illi dina l-Qorti mhijiex kompetenti sabiex tiddeċiedi l-każ ta' ritassa.

50. Jirriżulta illi t-taxxa finali illi qed tiġi kkontestata hija dik maħruġa mill-Qorti tal-Appell, u għalhekk hija il-Prim' Awla tal-Qorti l-unika Qorti illi hija kompetenti sabiex tiddeċiedi talba ta' ritassa, u ċertament mhux il-Qorti tal-Appell quddiem min ingħatat l-aħħar sentenza.

51. Hawnhekk il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza mogħtija fl-ismijiet **Debono vs Muscat** deċiża mill-Qorti ta' l-Appell fit-2 ta' Marzu 1904 fejn ingħad:-

> *"la tassazione o liquidazione delle spese giudizarie è atto del registratore e non della Corte che avesse deciso la causa, ed in conseguenza la domanda per la correzione di una tassa, costituendo una causa di natura civile è giudicabile dalla Prim'Awla"*

52. Jirriżulta, għalhekk, illi ma hemm ebda dubju illi l-Prim' Awla hija l-Qorti kompetenti sabiex tisma' u tiddeċiedi dina l-vertenza.

**C. Il-valur jista' jiġi stabbilit mir-rikorrenti biss u mhux mir-Reġistratur tal-Qorti.**

53. Jirriżulta illi l-intimati Carmen Borg u Clementia Grech jikkkontendu illi, a tenur tal-Artikolu 4(1)(e) tat-Tariffa A, huwa biss il-parti li qed jippreżenta l-kawża li għandu d-dritt li jistabilixxi l-valur li fuqu trid tinħareġ it-taxxa tal-Qorti.

54. Jirriżulta, di fatti, illi abbażi tal-Artikolu 4 (1) (e) tat-Tariffa A, tgħid is-segwenti:

> *F'kawżi fejn it-talba tkun biex il-Qorti tiddikjara li l-attur ikollu xi dritt ta' proprjetà jew fuq il-proprjetà kontra persuna oħra, <u>huwa għandu jissottometti dikjarazzjoni maħlufa</u> li turi l-ammont bejn wieħed u ieħor li jaħseb li jkun jista' jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu u l-valur li għandu jiġi intaxxat ikun il-valur dikjarat mill-attur:*

55. Jirriżulta illi, fil-każ odjern, l-ewwel żewġ talbiet rikorrenti kienu ibbażati fuq dritt ta' propjeta' illi huma jikkontendu illi għandhom, u kien għalhekk illi l-intimati fuq imsemmija qegħdin jinsistu illi kien jispetta biss lilhom sabiex jistabilixxu l-valur li għandu jiġi intaxxat.

56. Jirriżulta, madanakollu, illi għal raġunijiet illi huma biss jafu, iżda illi probabbilment huma ntiżi sabiex jikkawtelaw il-posizzjoni tagħhom u jillimitaw id-danni tagħhom a skapitu tal-partijiet l-oħra f'każ illi jitilfu l-kawża, kif del resto ġara, l-intimati, fil-kawża illi huma bdew, naqsu milli jagħmlu dak obbligat minnhom li jsir, ossija naqsu milli jissottomettu dikjarazzjoni maħlufa li turi "*l-ammont, bejn wieħed u ieħor, li jaħseb li jkun jista' jiġi jitlob jekk jiġi stabbilit id-dritt tiegħu*".

57. Tali nuqqas, da parte tar-rikorrenti, illi sfortunatament hija prassi regolari adoperata minn Avukati f'proċeduri simili, għandha titqies bħala abdikazzjoni da parte tagħhom sabiex jagħmlu dak minnhom mitlub bil-Liġi, bir-riżultat illi r-Reġistratur tal-Qorti, huwa liberu sabiex jgħaddi biex jintaxxa d-dritt minnu pretiż abbażi ta' stħarriġ minnu magħmul.

58. Hawnhekk, il-Qorti tagħmel referenza għall-insenjament tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawża '**Dr Carmelo Galea vs Silvio Zammit et**' deċiża fil-15 ta' Ottubru 2009, fejn, meta kienet qed tikkunsidra kif kellu jiġi kkalkolat l-kwantum tal-kawża, qalet is-segwenti:

> *"It-tassazzjoni ta' kawża għandha tiġi regolata mit-talba kontenuta fl-att taċ-ċitazzjoni, mhux fis-sens limitat għas-sempliċi inkartament, iżda fis-sens tal-oġġett tagħha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jiġi raġonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirriżulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni tal-istess kawża, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jiġi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jiġu proposti jkunux akkolti jew miċħuda" ("Avv. Dr. Giuseppe Pace et - vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 1 ta' Ottubru, 1948). Ugwalment, ġie ritenut illi "meta l-massa litiġjuża jkun jidher x'kien il-valur in kontestazzjoni, it-tassazzjoni għandha tiġi regolata fuqu; jiġifieri għandu jiġi studjat u eżaminat x'ikun l-oġġett tat-talba; u allura t-tassazzjoni ssir ad valorem "Prim' Awla, Qorti Ċivili, 9 ta' Frar, 1951". Dejjem fl-istess sens id-deċiżjoni fl-ismijiet "Leslie Grech nomine -vs Frank Abela et", Prim' Awla, Qorti Ċivili, 25 ta' Jannar, 2002 u "Loris Bianchi et -vs- Dottor Victor Borg Costanzi nomine", Appell Ċivili, 17 ta' April, 1978."*

59. Jidher ċar, fil-każ odjern, illi l-intimati, rikorrenti fil-proċeduri li tagħhom qed tintalab ir-reviżjoni tat-taxxa, opportunament għażlu illi ma jagħtu ebda valur għall-pretensjoni tagħhom hekk kif huma indunaw illi kienu tilfu l-kawża tagħhom wara ħafna, sittax-il sena ta' seduti u smiegħ ta' xhieda quddiem il-Prim' Istanza, u dana kemm in vista tal-fatt illi l-ewwel Qorti, kif ukoll il-Qorti tal-Appell sussegwentement, kienet akkollat l-ispejjeż kollha tal-kawża fuqhom, kif ukoll sabiex ikunu jistgħu jkomplu jikkawżaw ħsara lir-rikorrenti odjerni, wara illi dawna kienu rebħu l-kawża illi l-intimati kienu fetħu kontra tagħhom.

60. Għalhekk, l-intimati ma humiex korretti meta jgħidu illi r-Reġistratur tal-Qorti ma kellu ebda dritt jasal għall-valur mingħajr dikjarazzjoni tagħhom, u r-Reġistratur tal-Qorti kellu kull dritt illi jasal għall-konklużjoni tiegħu fuq il-valur tal-kawża.

61. Jirriżulta, madanakollu, illi r-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali (Għawdex) għażlet illi tabdika mid-dritt tagħha illi tasal għall-valur da parte tagħha, u straħet biss fuq prassi, adoperata informalment iżda mhux sopportata minn xi bażi legali, fejn talbet liż-żewġ

partijiet biex jagħtu valur huma, liema ittra naturalment qatt ma wasslet għax l-intimati odjerni, rikorrenti fil-proċeduri fil-Prim' Istanza, ma riedux iħallsu aktar spejjeż filwaqt illi riedu jkomplu jagħmlu dispett lir-rikorrenti odjerni.

62. Tali nuqqas, da parte tar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, (Għawdex), wassal sabiex, fit-taxxa finali minnha maħruġa fis-16 ta' Ottubru 2014, la għaddiet biex titlob għall-ħlas tad-drittijiet dovuti lill-Qorti abbażi tal-Artikolu 4 (1) (e) tat-Tariffa A u lanqas id-dritt dovut lill-Avukati skond l-Artikolu 13 tat-Tariffa E – jiġifieri, fi kliem ieħor, skond ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex), għall-kawża li damet għaddejja sittax-il sena, kemm il-Qorti kif ukoll l-Avukati ma kellhom ebda dritt x'jitħallsu, għaliha Dritt Registru ta' Lm 93 kien suffiċjenti – nuqqas lampanti u l-Qorti tikkundanna tali nuqqas da' parte tagħha!

## D. It-taxxa tas-16 ta' Ottubru 2014 hija waħda finali u ma tistax tiġi kkontestata

63. Jirriżulta illi, permezz tal-proċeduri odjerni, ir-rikorrenti, għalkemm ma jgħiduhiex speċifikatament, qegħdin jittentaw jimpunjaw kemm it-taxxa uffiċjali maħruġa mill-Qorti fis-16 ta' Ottubru 2014, wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) tas-7 ta' Jannar 2014, kif ukoll it-taxxa uffiċjali maħruġa mill-Qorti fis-6 ta' Ġunju 2019, wara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-31 ta' Mejju 2019.

64. Jirriżulta illi, l-intimati li opponew għall-proċeduri odjerni, lkoll qablu illi, bħala difiża, jinsistu li t-taxxa maħruġa fis-16 ta' Ottubru 2014 għandha tiġi kkunsidrata bħala finali u mhux appellabbli.

65. Il-Qorti tirrileva illi, f'dan il-każ, jidher ċar illi t-taxxa finali inħarġet fis-16 ta' Ottubru 2014 u, minn dakinhar 'l hawn, ma jidher illi ttieħdu ebda azzjonijiet ta' ritassa minn ebda parti fil-kawża.

66. Jingħad illi f'Marzu 2014, ir-rikorrenti odjerni talbu lill-Qorti sabiex jitqabbad Perit biex jistabilixxi l-valur illi r-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex) kienet inkapaċi illi tasal għalih, iżda l-Qorti, kif ippresjeduta dak iż-żmien, lanqas ma kienet kapaċi illi tagħti direzzjoni lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex) biex tagħmel xogħolha billi tistudja l-atti tal-każ, u minflok, fl-għerf tagħha, dik il-Qorti ċaħdet it-talba tar-rikorrenti – tali azzjoni, madanakollu, a differenza ta' dak sottomess mill-intimati, ma tista' qatt titqies bħala kawża ta' ritassa, stante illi, eventwlament, ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili (Għawdex) ħarġet it-taxxa finali tal-kawża fis-16 ta' Ottubru 2014, ben oltre ix-xahar żmien illi hija obbligata illi tagħmel dan, u ferm wara illi saret it-talba għal ħatra ta' Perit da' parte tar-rikorrenti odjerni.

67. Il-Qorti, tosserva, madanakollu, illi għalkemm il-perjodu biex taxxa tiġi kkontestata hija ta' xahar minn meta ssir tali taxxa, tali perjodu jibda jgħodd kif ġej:

> *Dan iż-zmien, għal dawk li jitolbu t-taxxa tal-ispejjeż, jibda jgħodd **mill-ġurnata li fiha tkun ħarġet it-taxxa**, u, **għad-debitur li jkun regolarment innotifikat bit-taxxa b'att ġudizzjarju, mill-ġurnata ta' dik in-notifika.***

68. Il-Qorti irrileva li, mit-Taxxa maħruġa fis-16 ta' Novembru 2014, kemm dik annessa fl-atti tal-proċess oriġinali tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri kif ukoll mill-atti proċesswali odjerni, w id-dokumentazzjoni kollha ppreżentata

quddiem il-Qorti odjerna, minn imkien ma jirriżulta min attwalment talab għall-ħruġ tat-taxxa, skond il-Liġi.

69. Il-Qorti tirrileva wkoll illi ma ġie ippreżentat ebda dokumentazzjoni li juri illi xi parti ġiet notifikata bit-taxxa permezz ta' att ġudizzjarju.

70. Finalament, il-Qorti tirrileva wkoll illi, a tenur tal-Artikolu 11 tat-Tariffa A,

> *Fi żmien xahar mill-għoti tas-sentenza finali, ir-Reġistratur għandu jara li titħejja taxxa tal-ispejjeż finali u kopja tagħha tintbagħat lill-partijiet u lill-avukati u prokuraturi legali tagħhom.*

71. Ma jirriżulta minn imkien illi tali taxxa intbagħtet lill-partijiet u lill-avukati u prokuraturi legali tagħhom mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili (Għawdex).

72. Għalhekk, mid-dokumentazzjoni kollha prodotta quddiem dina l-Qorti, kif ukoll mill-atti proċesswali tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) u l-Qorti tal-Appell, minn imkien ma jidher illi xi waħda miż-żewġt istanzi kkontemplati mil-Liġi sabiex jibda t-trapass tat-tletin ġurnata għall-kontestazzjoni jibda jiddekorri seħħ, u għalhekk il-Qorti għandha tqis illi tali taxxa qatt ma ntalbet mill-partijiet, qatt ma ġiet ikkomunikata lill-partijiet u qatt ma ġiet notifikata lill-ħadd permezz ta' att ġudizzjaru.

73. Illi għalhekk, la darba il-perjodu ta' xahar mgħoddi mill-Liġi ma bediex jiddekorri, dak ifisser illi t-taxxa tas-16 ta' Novembru 2014 ma tistax titqies bħala waħda finali u timmerita illi tiġi kkunsidrata mill-ġdid minn dina l-Qorti.

## Ikkunsidrat

74. Sorvolati l-varji eċċezzjonijiet mqajjma mill-intimati odjerni telliefa fil-proċeduri minnhom mibdija kontra r-rikorrenti u li t-taxxa għal tali proċeduri qed jiġu attakkati permezz tal-proċeduri odjerni, il-Qorti ser tgħaddi biex tikkunsidra l-vertenza prinċipali – jekk it-taxxa finali maħduma, kemm fis-16 ta' Ottubru 2014 kif ukoll dik tas-6 ta' Ġunju 2019, ġew maħduma korrettement.

75. Jirriżulta, kif ġia osservat aktar il-fuq, illi, abbażi tal-fatt illi l-partijiet naqsu milli jaqblu fuq valur sabiex tkun tista' tinħareġ it-taxxa finali kif suppost, ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) għażlet illi tabdika mid-dmir u dover tagħha illi tifli fir-reqqa l-inkartament kollu tal-proċess u, wara li tkun fehmet in-natura w il-kumplessita' tal-vertenza in disputa, tasal għall-valur li jiġi raġjonevolment determinat mill-atti tal-kawża, u minflok indikat illi ebda Avukat ma għandu dritt għas-servizzi minnu reżi għax "M'hemmx nota ta' valur" – dana huwa pależement żbaljat!"

76. Ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili (Għawdex) kella l-obbligu illi tagħmel xogħolha kif suppost, tivverifika l-atti kollha u tasal għal valur sabiex jiġi stabbilit, mhux biss id-ditt tal-Avukati, iżda wkoll id-dritt tar-Reġistru minnha stess immexxi, li bħala riżultat tan-nuqqas tagħha, ma ġabar ebda dritt dovut lir-Reġistru, li spiċċa biss tħallas dritt ta' €92 għal kawża li damet għaddejja sittax-il sena – riżultat tan-nuqqas tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali, l-intimati Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi ġew li ħallsu għall-servizzi tal-Qorti ferm anqas minn dak attwalment dovut – nuqqas

li korrettement iwassal għal tħassib serju da' parte ta' l-intimati ta' l-operat tar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex)!

77. Dana kollu qiegħed jingħad, għax minn ħarsa ħafifa tal-atti proċesswali tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) (Ġurisdizzjoni Superjuri), jirriżulta illi l-bażi tal-azzjoni odjerna kienet kuntratt illi l-intimati Joseph Cassar, Dr Victor Bajada u s-soċjeta' Ta' Frenċ Real Estate Company Limited għamlu ma' l-intimat Joseph Borg fis-7 ta' Mejju 1992, liema kuntratt sar għal valur ta' Lm11,000, kif jidher minn dokument ippreżentat mir-rikorrenti stess flimkien mar-rikors promotur.

78. Jirriżulta ċar illi kien tali kuntratt, w id-drittijiet naxxenti minnhom li ngħataw lill-intimat Joseph Borg, li kien il-bażi tal-ilment tal-intimati Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi, liema ilment eventwalment ġie lilhom miċħud meta, kemm l-Ewwel Qorti, kif ukoll il-Qorti tal-Appell, it-tnejn ċaħdu t-talba tar-rikorrenti f'dik il-kawża, ossija l-intimati Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi, biex jiġi dikjarat illi r-rikorrenti odjerni Joseph Borg kien ħa pussess tal-proprjeta' tagħhom.

79. Jirriżulta, għalhekk, illi l-valur tal-vertenza bejn il-partijiet kien wieħed faċilment verifikabbli, ossija l-ammont ta' Lm11,000, w ir-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali (Għawdex) kellha tipproċedi illi tintaxxa fuq tali valur la darba r-rikorrenti f'dawk il-proċeduri, intimati odjerni kontestanti, għażlu konxjentement u intenzjonalment sabiex ma jindikaw ebda valur sabiex jiġi stultifikat u mwaqqaf il-ħruġ ta' taxxa għall-Avukati tal-parti rebbieħa!

80. Il-Qorti tosserva illi, kemm fil-proċeduri odjerni kif ukoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), ir-rikorrenti odjerni talbu li jitqabbad perit sabiex jingħata valur aħħari u, fil-proċeduri odjerni, saħansitra ippreżentaw rapport ta' Perit ex parte, u dana sabiex l-intaxxar isir abbażi tal-valur tal-propjeta illum.

81. Il-Qorti, madanakollu, tirrileva illi l-valur li għandu jiġi kkunsidrat, huwa l-valur illi kien jeżisti dakinhar illi nbdiet il-vertenza quddiem dina l-Qorti, u mhux il-valur tagħha illum, erbgħa u għoxrin sena wara illi bdiet il-kawża – dana qiegħed jingħad, għax ebda parti ma għandha tibbenefika minn dewmien f'proċeduri ġudizzjarji sabiex jitħallsu aktar minn dak illi kien ħaqqhom dakinhar illi nbdiet il-kawża, liema dewmien ħafna drabi huwa dettat mill-partijiet stess u min imexxihom!

82. Jirriżulta ċar, għalhekk, illi kemm it-taxxa maħruġa fis-16 ta' Ottubru 2014, kif ukoll dik maħruġa fis-6 ta' Ġunju 2019, huma t-tnejn skorretti u jimmerita illi jigu maħruġa mill-ġdid mir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Civili (Malta), fejn jitqies illi, a tenur tal-Artikolu 4 (3) tat-Tariffa A, il-valur tal-kawża għandu jkun ta' Lm11,000, ossija €25,630, u id-dritt dovut għar-Registru kif ukoll id-Dritt dovut lill-Avukati a tenur tal-Artkolu 13 tat-Tariffa E għandu jinħadem fuq tali valur.

83. Finalment, jirriżulta illi l-vertenza odjerna hija riżultat unika tan-nuqqas ta' l-intimati Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi illi, kif minnhom obbligat li jagħmlu a tenur tal-Artikolu 4(3) tat-Tariffa A, jissottomettu dikjarazzjoni maħlufa, liema nuqqas, jidher ċar illi saret xjentement u appositament sabiex ma tinħariġx taxxa bid-drittijiet finali, ma għandu jkun hemm ebda dubju illi l-ispejjeż kollha odjerni għandhom jiġu sopportati unikament minnhom.

**DECIDE:**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

Wara illi rat is-sottomissjonijiet kollha ta' l-abbli difensuri tal-partijiet;

Tgħaddi biex tiddeċiedi l-vertenza odjerna billi:

**Tilqa'** t-talbiet tar-rikorrenti kif dedotti.

**Tħassar** it-taxxi maħruġa fis-16 ta' Ottubru 2014 u fis-6 ta' Ġunju 2019, u

**Tordna** lir-Reġistratur, Qrati u Tribunali Ċivili, sabiex joħroġ taxxa ġdida li jistabilixxi d-dritt dovut, fil-Prim' Istanza u fl-Appell, a tenur tal-Artikolu 4 (3) (e) tat-Tariffa A u tal-Artikolu 13 tat-Tariffa E fuq il-valur ta' ħamsa u għoxrin elf Euro, sitt mija u tletin Euro (€25,630).

**Spejjeż** tal-proċeduri odjerni tal-partijiet kollha ikunu a kariku ta' Clementia Grech, Carmen Borg u Salvina D'Anastasi in solidum bejniethom.

**Francesco Depasquale LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**